MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 134/2002/1

**Dr. Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Joseph Eleanzaro Balzan.**

**-vs-**

**Emanuel Bonello bhala kontrollur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL).**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Frar, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi, il-konvenuta, permezz ta’ citazzjoni ppresentata fl-ismijiet Emanuel Bonello bhala kontrallur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agricultaure Limited (Bical) -v- Joseph Eleazaro Balzan (numru 1316/00 JRM), fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili wara illi ppremettiet r-ragunijiet illi ghalihom hija kienet qeghda tippromouvi dik l-azzjoni, talbet lill-Qorti tilqa’ s-segwenti talbiet;-

a) Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta’ l-attur ghas-somma ta’ tliett elef, hames mija u erbgha u sittin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm3,564.51), rapprezentant l-bilanc ta’ somma akbar mislufa lill-konvenut kif fuq premess;

b) Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma fuq imsemmija u tiffissa zmien qasir u perentorju ghal dan l-iskop;

Illi l-konvenut ma giex notifikat, hlief permezz ta’ pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.;

Illi b’sentenza moghtija minnha fid-29 ta’ Marzu 2001 l-istess Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili iddecidiet dik il-kawza billi laqghet t-talbiet ta’ l-attur nominee, kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi, ghall-finijiet tat-tieni talba, tali somma trid tihallas mill-imharrek sa zmien gimgha mid-data li din is-sentenza tghaddi in gudikat;

Illi l-konvenut ma giex notifikat skond il-ligi, stante illi hu jghix barra minn Malta u ilu barra minn Malta ‘l fuq minn ghoxrin sena;

Illi l-attur noe naqas li jadotta l-procedura korretta biex jinnotifika l-konvenut, u f’dan il-kas jigi nominat kuratur deputat in rapprezentanza ta’ l-assenti konvenut, Joseph Eleazaro Balzan;

Illi l-konvenut noe, sar jaf bl-azzjoni u bis-sentenza biss f’Novembru li ghadda;

Illi jezistu ragunijiet validi fil-Ligi biex issir ir-ritrattazzjoni tal-kawza ghat-tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kodici tal-Procedura u Organizazzjoni Civili (Kap 12)

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara li hemm ragunijiet validi fil-Ligi biex issir ir-ritrattazzjoni tal-kawza ghat-tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12

2. thassar is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet Emanuel Bonello bhala kontrallur ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (BICAL) -v- Joseph Eleanzaro Balzan (numru 1316/00 JRM)

3. tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza abbazi tal-imsemmija artikolu 811 (b) tal-Kap 12.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nominee li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine ipprezentata fis-6 ta' Marzu, 2002 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi dak minnu allegat mhux korrett. L-exxipjjenti mexa skrupolosament mad-Degriet tal-Qorti u ma hemm xejn li mar kontra il-ligi, kif allegat mill-attur. In-notifika saret fuq l-attur kif

ordnat mill-Qorti u kwindi l-attur ma jistax jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru, 2005 u 23 ta' Jannar, 2005 li permezz taghhom il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-talba attrici illi l-kawza terga' tinstema wara illi tithassar is-sentenza tad-29 ta' Marzu, 2001.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Il-kawza odjerna hija wahda ta' ritrattazzjoni ghaliex l-attur qed isostni illi ma giex notifikat skond il-ligi fil-kawza fl-ismijiet inversi.

Huwa car x'gara u x'ta lok ghal din il-kawza. Il-konvenut bhala kontrollur tal-Bank of Industry Commerce and Industry (BICAL) istiwixxa kawza kontra l-attur. Dan ma giex notifikat u ghalhekk intalbet il-possibilita' li ssir in-notifika a tenur ta' l-Artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12. Dan sar u giet moghtija s-sentenza fil-konfront tal-konvenut f'dik il-kawza u attur f'dik odjerna. Irrizulta pero' li l-attur presenti kien ilu residenti l-Ingilterra ghal hafna snin pero' dan ma kienx maghruf ghall-konvenut li naturalment ma setax hlief jipprocedi kif ipproceda.

L-attur nomine qed jitlob ir-ritrattazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 u cioe' li l-attur odjern ma kienx gie notifikat bic-citazzjoni. Ma hux kontestat li l-attur ma giex notifikat personalment izda l-Qorti trid tara jekk in-notifika illi

saret ai termini ta' l-Artiklu 187 (3) kinitx korretta. Huwa facli wiehed jikkonstata li dan is-sub-artikolu jippresupponi li l-konvenut ma jkunx presenti Malta ghaliex jghid testwalment *jekk mir-riferta .. jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifikata* *ghalkemm ma jirrizultax li qeghda barra minn Malta* (sottolinear tal-Qorti) *... il-Qorti tista' tordna ..*

Ghalhekk ma hemmx kwistjoni li n-notifika ma saritx sew, ghalkemm il-konvenut nomine ma kellu ebda mezz ikun jaf li l-attur ma kienx Malta ghaliex l-ahhar indirizz li kellu tieghu kien appuntu dak li pprova jinnotifikah fih.

Jibqa' allura l-kwistjoni jekk l-attur istitwixxiex il-kawza entro t-tlett xhur skond l-Artikolu 818 (b) tal-Kapitolu 12 izda ma hemmx eccezjoni f'dan is-sens. L-attur nomine fid-deposizzjoni tieghu qal li l-mandant tieghu sar jaf bil-kawza f'Novembru 2001 u l-kawza saret fis-7 ta' Frar, 2002 u ghalkemm ma pprecizax ezatt meta f'Novembru jidher li l-kawza saret fiz-zmien indikat.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur nomine u tordna li l-kawza fl-ismijiet Emanuel Bonello nomine vs Joseph Eleazaro Balzan (citazzjoni 1316/2000) terga' tinstema mill-gdid.**

**L-ispejjes ta' din l-istanza jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------